

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Frar 2023 – Kargins vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-110/23)**

(2023/C 173/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet***Rikorrent:* Rems Kargins (Riga, il-Latvja) (rappreżentant: O. Behrends, avukat)*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ddatata 12 ta' Diċembru 2022 u rċevuta fis-16 ta' Diċembru 2022 fir-rigward tar-rikorrent li biha l-Kummissjoni ħadhet it-talba tar-rikorrent għal aċċess għad-dokumenti skont ir-regoli li jirregolaw l-aċċess pubbliku għal dokumenti;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tar-rikorrent.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-lista ta' dokumenti pprovdut mill-konvenuta fid-deċiżjoni kkontestata hija manifestament inkompleta.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta redattat b'mod illeġittimu partijiet sinjifikattivi tad-dokumenti.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta ħadhet l-aċċess għal erbatax-il dokument u li għamlet hekk abbażi ta' interpretazzjoni żbaljata u applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament 1049/2001<sup>(1)</sup> fir-rigward tad-djufija potenzjali tal-proċedura għudizzjarja.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-pożizzjoni tal-konvenuta fir-rigward ta' interess pubbliku potenzjalment prevalenti hija vvizzjata minn numru ta' difetti inkluż, *inter alia*, li l-konvenuta ma rreferitx għal xi dannu fl-iżvelar, li ma kkunsidratx is-sinjifikat politiku u ekonomiku ta' dan il-każ, u li ma kkunsidratx l-interess pubbliku fl-abbiltà li tevalwa d-differenza bejn ittra leġittima *amicus curiae* u interferenza illeġittima mill-Kummissjoni mal-amministrazzjoni tal-ġustizzja fi Stat Membru, billi tindika lill-qorti nazzjonali responsabbli li tisma' l-appell konsegwenzi avversi għall-Istat Membru kkonċernat bħala riżultat ta' azzjoni avversa meħuda mill-Kummissjoni jekk id-deċiżjoni tal-qrati inferjuri ma tinqalibx.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta naqset milli tagħti aċċess lir-rikorrent għal fajl.
6. Is-sitt motiv ibbażat fuq il-fatt li, billi toħroġ id-deċiżjoni kkontestata lir-rikorrent kważi sena wara li l-applikazzjoni konfermatorja ntbagħtet, id-data tal-iskadenza skont l-Artikolu 8(1) u (2) nqabżet b'mod tant eġreġjuż li tikkostitwixxi każha ta' aċċess fiż-żmien rilevanti.

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2023 – Debreceni Egyetem vs Il-Kunsill****(Kawża T-115/23)**

(2023/C 173/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Partijiet***Rikorrenti:* Debreceni Egyetem (Debrecen, l-Ungerija) (rappreżentanti: J. Rausch u Á. Papp, avukati)